**8 ta' Marzu, 1995**

**Imħallfin:-**

**S.T.O. Prof. Giuseppe Mifsud Bonnici LL.D. - President**
**Onor. Carmel A. Agius B.A., LL.D.**
**Onor. Noel Arrigo LL.D.**

Philip Spiteri

*versus*

Sammy Meilaq *noe*

**Drittijiet Fundamentali - Stat - Persuna Ġuridika - Diskriminazzjoni - Rimedji Ordinarji- Impjieg - Tribunal Industrijali - Liberta' ta' Assoċjazzjoni - Liberta' ta' Espressjoni**

*Ir-rikorrent kien impjegat tal-Malta Drydocks. Huwa allega diskriminazzjoni fil-konfront tiegħu billi ma ingħatax sahra. Huwa ppretenda li dan kien sar billi huwa ma kienx membru tal-General Workers Union. Il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili sabet favur ir-rikorrent. Il-Qorti Kostituzzjonali kkonfermat.*

*L-intimat fl-appell ippretenda li bħala persuna ġuridika distinta mill-Istat huwa ma setax jiġi azzjonat għall-ksur tad-drittijiet fundamentali. Dan ma kienx korrett; meta l-Konvenzjoni Ewropeja ġiet inkorporata fil-liġi Maltija ġiet liġi li tapplika għal kullħadd u r-rikorrent kien intitolat għal rimedju taħt dik il-liġi anke kontra persuna ġuridika li ma kinitx l-Istat.*

*Dwar id-disponibilita' ta' rimedji ordinarji għar-rikorrent l-Qorti osservat li "meta huwa ċar li hemm mezzi ordinarji disponibbli għar-rikorrent biex ikollu rimedju għad-dannu li qed jillamenta, bħala prinċipju ġenerali dawn għandhom jiġu adoperati, u r-rikors għall-organi ġudizzjarji ta' natura kostituzzjonali għandu jsir wara li l-ordinarji jiġu eżawriti jew meta m'humiex disponibbli." Il-Qorti pero' żiedet tosserva li ".... meta l-oġġett in kawża jkun ta' natura komplessa - u jkollu kwistjonijiet li għandhom rimedju f'xi liġi oħra, u oħrajn li m'għandhomx, rimedju ħlief kostituzzjonali - allura għandha tipprevali din l-aħħar azzjoni". Għalhekk ma setax jingħad f'dan il-*

*każ li kellhom jiġu qabel esawriti r-rimedji ordinarji.*

*Dwar id-dritt ta' assoċjazzjoni l-Qorti osservat li dak id-dritt kellu jiġi kunsidrat bħala li jinkorpora fih id-dritt li wieħed ma jassoċjax ruħu. Għalhekk n-nuqqas ta' għoti ta' sahra ma setetx tiġi ġustifikata fuq il-bażi li r-rikorrent ma kienx membru tal-union fuq il-post tax-xogħol. Anzi dan kien proprju jammonta għal diskriminazzjoni fit-tgawdija tad-drittijiet fundamentali tiegħu. Il-Qorti osservat ukoll li l-aġir ta' l-intimat kien jammonta wkoll għal vjolazzjoni tad-dritt ta' espressjoni tar-rikorrent, imma tali vjolazzjoni kienet assorbita fil-vjolazzjoni tad-dritt ta' assoċjazzjoni.*

Il-Qorti:-

Ir-rikorrent, Philip Spiteri huwa impjegat bħala *shipwright* fit-Tarzna, mal-Malta Drydocks. Huwa kien affiljat fil-General Workers Union sa l-1986, meta irriżenja. Wara li rriżenja ma bediex jingħata xogħol bis-sahra daqs qabel sakemm mis-sena 1989 dan ix-xogħol bis-sahra waqaf għal kollox, mentri sħabu, membri tal-General Workers Union, jagħmlu ħafna xogħol ta' wara l-ħin. Kull protest tiegħu lill-Kunsill li jmexxi l-korporazzjoni intimata, ġie injorat;

Ir-rikorrent jidhirlu li huwa qed jirċievi dan it-trattament għaliex huwa ma baqax membru tal-General Workers Union, li hija statutorjament konnessa mal-Malta Labour Party - ma liema partit politiku r-rikorrent ma jaqbilx;

Dan kollu qiegħed jiddanneġġjah inġustament għaliex jikser id-drittijiet fundamentali tiegħu garantiti mill-artikoli 41 u 42 tal-Kostituzzjoni u l-artikoli 10, 11 u 14 tal-Konvenzjoni Ewropeja;

Dawn il-fatti ġew esposti quddiem l-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, mir-rikorrent fis-6 ta' Novembru, 1991;

L-artikoli li għalihom għamel referenza huma dawn:

"41. (1) Ħlief bil-kunsens tiegħu stess jew bħala dixxiplina tal-ġenituri, ħadd ma għandu jiġi mfixkel fit-tgawdija tal-liberta' tiegħu ta' espressjoni, magħduda liberta' li jkollu fehmiet mingħajr indħil, liberta' li jirċievi ideat u tagħrif mingħajr indħil ... *omissis* ...

42. Ħlief bil-kunsens tiegħu stess jew bħala dixxiplina tal-ġenituri, ħadd ma għandu jiġi mfixkel fit-tgawdija tal-liberta' tiegħu ta' għaqda u assoċjazzjoni paċifika, jiġifieri, id-dritt tiegħu li jingħaqad paċifikament u liberament u jassoċja ma' persuni oħra u b'mod partikolari li jifforma jew jappartjeni lil *trade union* jew *unions* jew assoċjazzjonijiet oħra għall-protezzjoni ta' l-interessi tiegħu .... *omissis.*"

*"Article 10. Everyone has the right of freedom of expression. This right shall include freedom to hold opinions and to receive and import information and ideas without interference by public authority and regardless of frontiers .... omissis ....*

*Article 11 Everyone has the right to freedom of peaceful assembly and to freedom of association with others, including the right to form and to join trade unions for the protection of his interests .... omissis ....*

*Article 14 The enjoyment of the rights and freedoms set forth in this Convention shall be secured without discrimination on*

*any grounds such as sex, race, colour, language, religion, political or other opinion, national or social origin, association with a national minority, property, birth or other status.";*

Ir-rikors ġie deċiż fil-5 ta' Ottubru, 1994, u l-appell minnha quddiem din il-Qorti Kostituzzjonali sar mill-korporazzjoni intimata fit-13 ta' Ottubru, 1994. Kopja ta' dik is-sentenza hija annessa mas-sentenza ta' din il-Qorti, biex tiffaċilita kull referenza li jkun hemm bżonn;

Il-korporazzjoni tillamenta illi s-sentenza naqset li tikkonsidra l-kwistjoni minnha sollevata illi l-allegata vjolazzjoni ta' l-artikoli 10, 11 u 14 tal-Konvenzjoni ma jagħtux lok għall-azzjoni kontra persuna ġuridika bħal ma hija l-korporazzjoni billi l-Konvenzjoni Ewropeja tipprovdi biss għal azzjoni kontra l-Istat. Marġinalment, jingħad illi l-oġġezzjoni jew eċċezzjoni ġiet sollevata f'nota ta' osservazzjonijiet tad-29 ta' April, 1994, li ma ġietx preżentata fir-Reġistru imma fl-udjenza - prattika li mhix rakkomandabbli;

Huwa minnu li l-ewwel Qorti din il-kwistjoni ma kkonsidrathiex ħlief b'mod ġenerali f'paġna 12;

Din il-Qorti pero` jidhrilha li s-sottomissjoni mhix korretta. L-Att XIV ta' l-1987 - Kap. 319, inkorpora fl-Ordinament Ġuridiku Malti diversi artikoli li jinsabu fil-Konvenzjoni Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem u b'hekk dawk in-normi li jidhru fl-Ewwel Skeda ta' l-istess liġi, saru jifformaw parti mil-Liġi ta' Malta kif igħid l-artikolu 3(1) ta' l-Att. Isegwi minn dan illi dawk in-normi, joħolqu dritt ta' azzjoni skond il-liġi proċedurali Maltija mentri d-dritt ta' azzjoni skond il-Konvenzjoni huwa regolat mir-regoli ta' proċedura li hemm f'dik il-Konvenzjoni. Il-Konvenzjoni

tistabbilixxi dritt ta' azzjoni kontra dawk l-Istati li aċċettaw il-ġurisdizzjoni tal-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem liema azzjoni tibda quddiem il-Kummissjoni li huwa l-ewwel organu ġuridiku li l-istess Konvenzjoni toħloq. Kemm il-Kummissjoni kif ukoll il-Qorti għandhom ġurisdizzjoni biss fuq **l-Istati** li ffirmaw il-Konvenzjoni u m'għandhomx ġurisdizzjoni fuq l-individwi jew aħjar fuq persuni fiżiċi jew ġuridiċi li m'humiex Stati. L-Att approvat mill-Kamra tar-Rappreżentanti jikkonferixxi - kif jagħmel kull Att ieħor approvat mill-Parlament, sakemm espressament dan ma jiġix eskluż, id-dritt ta' azzjoni skond il-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, kif ukoll, skond l-istess Kodiċi, il-ġurisdizzjoni ta' dawn il-Qrati;

(a) Il-korporazzjoni intimata straħet fuq dak li hemm fis-sentenza ta' din il-Qorti tad-9 ta' Ottubru, 1989, fl-ismijiet **Buttigieg *vs* Mizzi *ne*.**:

"Interpretazzjoni oħra tkun tfisser li l-leġislatur ikun qed jikkonferixxi drittijiet akbar minn dawk kontemplati fil-Konvenzjoni Ewropeja, ħaġa li ċertament ma kinitx fl-intenzjoni tiegħu. Interpretazzjoni oħra tkun tfisser ukoll li jkun hemm kontradizzjoni fis-sens li filwaqt li taħt l-Att XIV ta' l-1987 l-artikoli sostantivi tal-Konvenzjoni Ewropeja jkunu esegwibbli hawn Malta wkoll kontra persuna, dawk l-istess drittijiet, fil-każ ta' l-eżerċizzju tad-dritt tal-petizzjoni individwali (li għalih hemm referenza fl-artikoli 5 u 6 ta' l-imsemmi Att) ma jkunux esegwibbli hawn Malta kontra persuna iżda unikament kontra persuna iżda unikament kontra l-Istat;

(b) Għandu qabel xejn jiġi innutat illi dik is-sentenza inkwantu irriteniet illi kull azzjoni li toħroġ mill-artikoli 32 sa 46

tal-Kostituzzjoni (barra dik ta' l-artikolu 34(4)) hija proponibbli **biss** kontra l-Istat, ma ġietx segwita u ġie ritenut mod ieħor f'sentenza sussegwenti, dik tad-29 ta' April, 1992, (Vol. LXXVI.I.94). Il-*limitazzjoni* ta' l-azzjoni f'**Buttigieg *vs* Mizzi** għar-rigward tal-Kostituzzjoni kienet proprju ispirata minn dak li jingħad fuq il-Konvenzjoni għaliex, kif ġa spjegat, naturalment is-*suġġetti tal-Konvenzjoni huma u jistgħu jkunu biss l-Istati li huma* partijiet f'dak it-trattat internazzjonali. Imma huwa ċar illi l-bażi ta' dik il-limitazzjoni ma teżistix meta l-azzjoni eżerċitata mhix dik tal-Konvenzjoni imma hija azzjoni skond il-liġi Maltija bażata fuq normi ta' natura sostanzjali akkwiżiti mill-Konvenzjoni;

(ċ) B'riferenza għal dak li ġie kwotat minn **Buttigieg *vs* Mizzi**, dik l-argumentazzjoni ma tistax tiġi segwita għaliex: (a) jekk kemm-il darba skond is-sistema kostituzzjonali tagħna, mhux biss l-Istat, imma wkoll, fil-każijiet kongruwi persuni oħra kemm fiżiċi u kemm ġuridiċi, huma soġġetti għall-azzjoni appożita u dan in armonija mal-*pożizzjoni li kull dritt soġġettiv ikun* esiġibbli minn l-Istat u minn persuni oħra fiżiċi u morali. Il-konċett ta' "drittijiet akbar minn dawk kontemplati fil-Konvenzjoni Ewropeja" mbagħad, huwa doppjament żbaljat kemm għaliex (i) *hemm id-drittijiet fil-*Kostituzzjoni li huma *akbar* minn dawk tal-Konvenzjoni, bħal per eżempju, dak ta' diskriminazzjoni ġenerali, u (ii) dak li huwa dritt akbar huwa fl-estensjoni tad-dritt ta' l-azzjoni, li, kif spjegat supra, huwa konsegwenza ġuridika li toħroġ mid-differenza li teżisti bejn id-dritt internazzjonali u d-dritt nazzjonali, domestiku jew muniċipali, kif huwa magħruf;

(d) Filwaqt li *t-tieni argument jiddependi minn propożizzjoni* preċedenti cjoe' illi, skond il-Kostituzzjoni d-dritt ta' l-azzjoni għad-drittijiet fundamentali jista' jiġi eżerċitat biss kontra l-Istat. Jekk *taqa' din il-premessa taqa' l-konklużjoni;*

(e) Fl-istess kuntest, l-intimata semmiet il-każ ta' *Young, James and Webster against the United Kingdom* tal-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem tat-13 ta' Awissu, 1981 (Series A vol. 44) biex tgħid illi l-lament ma ġiex dirett kontra l-British Railways Board li kkommettiet il-vjolazzjoni imma kontra r-Renju Unit. Il-Qorti Ewropeja irriteniet illi r-rikorrenti Young, James u Webster kienu ipproċedew korrettement kontra l-Gvern Ingliż, għaliex:

"*Although the proximate cause of the events giving rise to this case was the 1975 agreement between British Rail and the railway unions,* ***it was the domestic law in force at the relevant time that made lawful the treatment of which the applicants complained. The responsibility of the respondent State for any resultant breach of the Convention is thus engaged on this basis***" (ibid. para. 49 page 20 - sottolinejar ta' din il-Qorti);

Dan juri illi l-Qorti rriteniet illi dak li kienet qed tiġi attakkata kienet il-liġi ingliża rilevanti għall-każ, li minnha nnfisha ivvjolat id-drittijiet fundamentali in kwistjoni u għalhekk huwa l-Gvern Ingliż il-leġittimu kontradittur ta' l-azzjoni - l-Istat soġġett għall-ġurisdizzjoni tal-Qorti;

Il-korporazzjoni tgħid illi sottomissjoni oħra tagħha, ma ġietx trattata mill-ewwel Qorti. Din kienet illi r-rikorrent kellu għad-disposizzjoni tiegħu rimedji ordinarji provveduti mill-Att dwar Relazzjonijiet Industrijali, kif ukoll mill-Kummissjoni dwar l-Impiegi - Kap. 266 u Kap. 267 rispettivament;

Din is-sottomissjoni wkoll, inspjegabbilment ma ġietx trattata fis-sentenza appellata;

(a) L-artikolu 28 tal-Kap. 266 jagħti lit-Tribunal Industrijali mwaqqaf fl-istess Kapitolu (artikolu 26):

"ġurisdizzjoni esklussiva *li jikkonsidra u jiddeċiedi l-każijiet* kollha fejn jiġi allegat li saret tkeċċija inġusta għal kull għan (*recte* raġuni) barra minn proċeduri dwar reati kontra xi liġi ..."

Ma jidhirx li t-Tribunal Industrijali għandu ġurisdizzjoni li jikkonsidra kwistjonijiet bħal dan li hija hawn in kawża, għaliex barra l-ġurisdizzjoni esklussiva imsemmija, il-ġurisdizzjoni tat-Tribunal tiddependi jew minn investitura tal-Ministru tax-Xogħol jew fil-każ ta' tilwim industrijali ta' *trade unions* jew assoċjazzjonijiet ta' min jimpjega.

*(b) L-artikolu 3 tal-Kap. 267 jispjega* l-ġurisdizzjoni tal-Kummissjoni dwar l-Impiegi hekk:

"(1) Il-Kummissjoni jkollha ġurisdizzjoni li tisma' u tiddeċiedi kull talba magħmula minn xi persuna skond is-subartikoli (8) u (9) ta' l-artikolu 120 tal-Kostituzzjoni talli, dwar impieg, xi distinzjoni, esklużjoni jew preferenza li ma tkunx ġustifikabbli f'soċjeta' demokratika tkun saret jew ingħatat bi ħsara għaliha minħabba l-opinjoni politika;

(2) Meta talba kif intqal qabel tkun saret lill-Kummissjoni *skond id-disposizzjonijiet ta'* dan l-Att, il-Kummissjoni tista' tagħmel dawk l-ordnijiet, toħroġ dawk l-atti u tagħti dawk id-direttivi li tqis xierqa sabiex, twettaq, jew tiżgura t-twettiq tad-disposizzjonijiet tas-subartikolu (8) ta' l-artikolu 120 tal-Kostituzzjoni;

Iżda l-Kummissjoni tista', jekk tqis li jixraq li hekk tagħmel, tirrifjuta li teżerċita s-setgħat tagħha skond dan l-artikolu f'kull każ meta tkun sodisfatta li min jagħmel it-talba għandu jew kellu mezzi xierqa ta' rimedju taħt xi liġi oħra għad-distinzjoni, esklużjoni jew preferenza allegata;

(3) Sabiex taqdi l-funzjoni tagħha, il-Kummissjoni jkollha s-setgħat kollha mogħtija lill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili bil-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili";

(ċ) Biex jiftiehem sewwa dan l-artikolu 3 Kap.267, irid jinqara wkoll dak li hemm fl-artikolu 120 (8) u (9) tal-Kostituzzjoni:

"(8) Tkun il-funzjoni tal-Kummissjoni dwar l-Impiegi li tiżgura li, dwar l-impiegi, ebda distinzjoni, esklużjoni jew preferenza li ma tkunx ġustifikabbli f'soċjeta' demokratika ma għandha ssir jew tingħata favur jew kontra xi persuna minħabba l-opinjoni politika tagħha;

(9) Kull persuna li tallega li tkun saret jew ingħatat bi ħsara għaliha xi distinzjoni, esklużjoni jew preferenza kif intqal qabel tista' titlob lill-Kummissjoni dwar l-Impiegi, b'dak il-mod u f'dak iż-żmien li jista' jiġi preskritt għar-rimedju";

(i) Din il-Qorti, fis-sentenza tas-7 ta' Marzu, 1994, **Dr. M. Vella** ***vs*** **J. Bannister** ***ne.***, kienet eżaminat il-ġurisprudenza preċedenti fuq il-*proviso* ta' l-artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni u mbagħad ifformolat sitt proposizzjonijiet li jservu biex jiġi miftiehem aħjar u mfissra l-fakolta' mogħtija lill-Qorti, f'azzjoni bażata fuq leżjoni ta' drittijiet fundamentali, li tirrifjuta li teżerċita

s-setgħat tagħha meta mezzi xierqa ta' rimedju għall-ksur allegat huwa jew kienu disponibbli favur dak li jkun qed jirrikorri quddiemha;

L-ewwel proposizzjoni minn dawk is-sitta tgħid:

"(a) Meta huwa ċar li hemm mezzi ordinarji disponibbli għar-rikorrent biex ikollu rimedju għad-dannu li qed jillamenta, bħala prinċipju ġenerali dawn għandhom jiġu adoperati, u r-rikors għall-organi ġudizzjarji ta' natura kostituzzjonali għandu jsir wara li l-ordinarji jiġu eżawriti jew meta m'humiex disponibbli";

(ii) Kif intqal, il-Qorti ta' l-ewwel grad ma kkonsidratx din l-eċċezzjoni ta' l-intimata korporazzjoni u għalhekk din il-Qorti m'għandhiex l-elementi neċessarji biex tagħmel id-dovut apprezzament meħtieġ, għaliex fil-każ preżenti ma ngħatatx preferenza għal mezz ordinarju ta' rimedju offert mill-Kap.267 u tkompla l-proċediment li nbeda quddiemha fil-ġurisdizzjoni speċjali tagħha skond l-art.46(1) tal-Kostituzzjoni;

(iii) Din il-Qorti għandha tosserva illi jidhrilha illi l-intimata kellha d-dritt li tinsisti għall-ġudizzju, anke in parte, fuq l-eċċezzjoni tar-rimedji ordinarji, kieku din l-eċċezzjoni, ta' natura essenzjalment dilatorja, ingħatat fl-istadju preliminari tal-kawża, *in limine litis*. Altrimenti jinħela żmien u materjal kontra l-prinċipji sani tal-proċedura in ġenerali, u ta' dik "kostituzzjonali" in partikolari. Difatti, fil-każ preżenti, anke jekk, kif intqal ir-rikorrenti jidher li qabel ma rrikorra quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili messu ppreżenta l-lanjanza tiegħu quddiem il-Kummissjoni ta' l-Impiegi - skond il-Kap.267, f'dan l-istadju, tat-tieni grad, ma tistax din il-Qorti tirrimanda l-atti quddiem l-ewwel Qorti biex dik tikkonsidra *l-eċċezzjoni meta diġa' ġiet pronunzjata sentenza fuq il-mertu tar-*

rikors u jonqos biss li jingħataw is-soluzzjonijiet rimedjali;

(iv) Ma' dawn il-Qorti għandha wkoll tagħmel referenza għall-proposizzjoni oħra ta' interpretazzjoni ta' dan il-*proviso* fl-artikolu imsemmi tal-Kostituzzjoni. Din ġiet enunzjata fis-sentenza **Vella *vs* Kummissarju tal-Pulizija *et*** tal-5 ta' April, 1991 u li korrettement għamel referenza għaliha f'nota ta' osservazzjonijiet ir-rikorrent, tgħid:

"... meta l-oġġett in kawża jkun ta'natura komplessa - u jkollu kwistjonijiet li għandhom rimedju f'xi liġi oħra, u oħrajn li m'għandhomx, rimedju ħlief kostituzzjonali - allura għandha tipprevali din l-aħħar azzjoni" (Vol. LXXV.I.163);

Tista' tiġi aktar perfezzjonata l-istess proposizzjoni jekk l-ewwel frażi tiġi emendata biex tinqara hekk:

"meta l-oġġett in kawża jkun ta' natura komplessa jew inkella mħallat";

U m'hemmx dubbju li l-oġġett f'din il-kawża huwa kemm kompless kif ukoll imħallat, u għalhekk għandha tipprevali l-azzjoni li tibda b'rikors quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili;

(v) Barra minn dawn l-osservazzjonijiet, din il-Qorti għandha żżid il-preokkupazzjoni tagħha għar-rigward tas-sens u tifsira li għandha tingħata għall-*proviso* li hemm fl-artikolu 3(2) tal-Kap.267 li jagħmel eku għall-istess *proviso* ta' l-artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni u li jidher li jista' joħloq disgwid ġurisdizzjonali li joħloq dewmien sostanzjali sakemm tinħall il-paralisi proċedurali li tinħoloq meta kemm il-Kummissjoni kif ukoll il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, it-tnejn jiddeċiedu fuq l-istess każ, u jirrifjutaw li

jeżerċitaw is-setgħat ġurisdizzjonali;

Il-Qorti tifhem is-setgħa tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili li tiddeċiedi li l-makkinarju kostituzzjonali m'għandux jiġi wżat meta hemm mezzi ġuridiċi fil-liġi ordinarja li, fl-ewwel lok, għandhom jiġu aditi, imma ma tifhimx kif il-Kummissjoni ta' l-Impieg, li tapplika parti mil-liġi ordinarja bħal ma hija dik tal-kapitolu 267 tista' tirrifjuta l-ġurisdizzjoni tagħha minħabba liġi ordinarja oħra. Hawnhekk id-distinzjoni m'hijiex bejn liġi ordinarja u liġi speċjali jew partikolari. Hawnhekk id-distinzjoni hija ta' natura ġerarkika u fundamentali fl-ordinament - bejn il-liġijiet kollha, il-liġijiet ordinarji, u l-Liġi Kostituzzjonali jew aħjar, sempliċement, il-Kostituzzjoni;

Għalhekk, din il-Qorti Kostituzzjonali ħasset id-dover li tagħmel din it-trasgressjoni mill-konsiderazzjonijiet konkreti fuq il-każ li għandha quddiemha, biex jekk jista' jkun, jiġi evitat l-impaċċ previst minħabba l-presenza fil-Kap.267 ta' dan il-*proviso* ta' l-artikolu 3(2) li mhux biss jidher li huwa diffiċli li jiġi ġustifikat, imma li huwa wkoll fonti ta' possibbli konfużjonijiet ġurisdizzjonali li kull ordinament ġuridiku għandu jevita;

Il-korporazzjoni issottomettiet fl-ewwel istanza, u irripetiet fl-appell, illi l-artikolu 42 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 11 tal-Konvenzjoni ma jirrikonoxxux bħala liberta` fundamentali li persuna ma tassoċja ma' ħadd; la għal skopijiet ta' impieg, la għal skopijiet politiċi u lanqas għal xi skop ieħor - leġittimu kemm huwa leġittimu, sakemm dik il-liberta` ma tkunx limitat jew kostrett għal ċerti ħtiġijiet soċjali li huma konformi mar-regolament neċessarju f'sistema demokratika sana;

Dak li l-Korporazzjoni intimata qed tippretendi huwa li l-artikoli 42 tal-Kostituzzjoni u 11 tal-Konvenzjoni jiggarantixxu l-liberta` fundamentali biss ta' kull persuna li tassoċja u tingħaqad ma' ħaddieħor;

Qabel ma tiġi kummentata l-liġi in materja pero`, għandu jiġi innutat illi l-intimata, fir-rikors ta' appell tesponi illi t-trattament divers, fl-għoti tax-xogħol b'sahra, sar:

"meta l-ħaddiema li kienu membri fil-General Workers Union kienu bdew jirrifjutaw li jagħmlu *overtime* miegħu";

Hekk ukoll, ġie preċiżat li:

"Irriżulta *illi* r-rikorrent ma ħuwiex jingħata sahra wara *li* ma kienx baqa' membru tal-General Workers Union";

Fil-paragrafu 14 tar-rikors imbagħad, minn dak li ġie relatat qabel tinġibed din il-konklużjoni:

"Ma nġiebet ebda prova lil-Malta Drydocks riedet tippunixxi lir-rikorrent talli dan ma kienx membru tal-General Workers Union. Kieku kien hekk kienet twaqqaflu l-*overtime* meta ħareġ mill-Union u mhux meta oġġezzjonaw l-ħaddiema l-oħra";

*Issa għandu jiġi preċiżat illi jekk dak li għamlet l-intimat* jammonta għal vjolazzjoni ta' xi dritt jew liberta` fundamentali tar-rikorrent, il-fatt li għamlet dan għaliex ġiet kostretta mill-ħaddiema li rrifjutaw li jaħdmu bis-sahra:

"bil-konsegwenzi kbar li dan seta' jfisser mhux biss għall-

korporazzjoni nnifisha iżda wkoll għall-ekonomija tal-pajjiż u numru kbir ta' familji li l-għixien tagħhom jiddependi anke indirettament mix-xogħol tat-Tarzna";

- ma tistax tiġi aċċettata bħala ġustifikazzjoni ta' dik il-vjolazzjoni. Dak li jiddistingwi Stat ta' Dritt minn kwalunkwe forma oħra ta' Stat huwa preċiżament dan - is-supremazija tad-Dritt fuq kull konsiderazzjoni oħra ta' natura kummerċjali, ekonomika, soċjali jew politika. Dan il-prinċipju huwa attenwat mill-prinċipji ta' proporzjonalita` sakemm kollox jibqa' fil-marġini konċess lil kull ordinament biex japprezza u jivvaluta l-posizzjoni partikolari ta' l-Istat li jkun, biex jimplimenta, mingħajr ma jaqbeż dawk il-parametri, id-drittijiet u l-libertajiet fundamentali ta' l-**individwu**;

Il-korporazzjoni fir-rikors iddedikat is-sottomissjonijiet tagħha fuq il-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem fuq l-artikolu 11 tal-Konvenzjoni. Dan jiddisponi hekk:

*"1. Everyone has the right to freedom of peaceful assembly and to freedom of association with others, including the right to form and to join trade unions for the protection of his interests.*

*2. No restrictions shall be placed on the exercise of these rights other than such as are prescribed by law and are necessary in a democratic society in the interests of national security or public safety, for the prevention of disorder or crime, for the protection of health or morals or for the protection of the rights and freedoms of others. This article shall not prevent the imposition of lawful restrictions on the exercise of these rights by members of the armed forces, of the police or of the administration of the State"*;

Il-Qorti tosserva illi dan l-artikolu jindika illi kwalunkwe deroga għal-liberta` fundamentali ta' l-assoċjazzjoni, biex tkun valida, fl-ewwel lok, trid tkun *presribed by law* skond il-prinċipju, ġa imsemmi, bażiku ta' l-Istat tad-Dritt. Il-korporazzjoni ma ppretendietx illi dak li hija għamlet kien b'xi mod preskritt minn xi liġi;

Prattikament l-ewwel sentenza li l-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem li kkunsidrat parzjalment il-kwistjoni li tinteressa dan l-appell hija Young, James and Webster deċiża f'żewġ sentenzi, fil-25 ta' Novembru, 1980 u fit-13 ta' Awissu, 1981 - Series A Vol. 44 u li l-korporazzjoni irriferiet għaliha fiż-żewġ istanzi;

Mit-tieni sentenza huwa tajjeb li jiġu kwotati dawn il-partijiet:

*"assuming for the sake of argument that, for the reasons given in the above-cited passage from the travaux preparatoiries, a general rule such as that in article 20(2) of the Universal Declaration of Human Rights was deliberately omitted from, and so cannot be regarded as itself enshined in the Covnention* ***it does not follow that the negative aspect of a person's freedom of assocation falls completely outside the aubit of article 11*** *and that each and every compulsion to join a particular trade union is compatible with the intention of the provision". ibid para. 52*;

Jiġi nnutat illi l-korporazzjoni argumentat bl-istess mod li ġaladarba fir-rappport tad-19 ta' Ġunju, 1950 tas-*Senior Officials* li kienu qed jippreparaw it-test tal-Konvenzjoni ġie dikjarat illi billi f'ċerti pajjiżi kienet teżisti l-*closed-shop system* ma kienx desiderabbli li jiġi nkorporat il-prinċipju kif ġie enunċjat fil-*Universal Declaration of Human rights* adottata u proklamata fl-Assemblea Ġenerali tal-Ġnus Magħquda fl-10 ta' Diċembru, 1948

li fl-artikolu 20(2) hemm:

"*No one may be compelled to belong to an association*";

It-tieni sentenza rilevanti għall-iskopijiet ta' dan l-appell hija dik ta' **Sigurdur A. Sigurjonsson *vs* Iceland** tat-30 ta'Ġunju, 1993 - Series A Vol. 264:

"*... it should be recalled that the Convention is a living instrument which must be interpreted in the light of present-day conditions .... Accordingly,* ***article 11 must be viewed as encompassing a negative right of association****. It is not necessary for the Court to determine in this instance whether this right is to be considered on an equal footing with the positive right*" ibid. para. 35;

Għalhekk, illum m'hemm l-ebda dubbju fuq dak li hija l-aħħar interpretazzjoin li ingħatat mill-Qorti Ewropeja ta' l-artikolu 11, anke għaliex din id-deċiżjoni ittieħdet b'maġġoranza ta' tmien imħallfin minn disgħa;

Huwa utli wkoll li jingħad li fl-istess paragrafu ta' l-istess sentenza ġie nutat illi:

"*.... Article 11(2) of the Community Charter of the Fundamental Social Rights of Workers, adopted by the Heads of State or Government of eleven member States of the European Communities on 9 December 1989, provides that every employer and every worker shall have the freedom to join or not to join professional organisations or trade unions without any personal or occupational damage being thereby suffered by them*";

Din il-Qorti jidhrilha li din l-aħħar formulazzjoni hija l-aħjar waħda - għaliex ma jidhirx li l-użu ta' *positive* jew *negative* huma kwalifiki feliċi tal-kwistjoni għaliex il-liberta` fundamentali hija waħda - dik li kull persuna m'għandhiex tbati ebda dannu fix-xogħol tagħha kemm jekk tagħżel li tibqa' waħedha. Tkun xi tkun l-għażla; din dejjem hija eżerċizzju pożittiv tal-liberta` fundamentali għall-għażla da parti ta' l-individwu;

Fir-rikors ta' l-appell il-Korporazzjoni taħt is-sottotitolu hawn ripetut, tillamenta mill-fatt li s-sentenza appellata irriteniet li kien hemm diskriminazzjoni fuq bażi politika kontra r-rikorrent, meta lanqas dan ta' l-aħħar stess, ma qal li huwa vittma ta' hekk;

Il-Qorti tinnota li dan m'huwiex preċiż għaliex fir-rikors promotur hemm rikjam biex jiġi applikat l-artikolu 14 tal-Konvenzjoni:

"*The enjoyment of the rights and freedoms, set forth in this Convention shall be secured without discrimination on any ground such as sex, race, colour, language, religion, political or other opinion, national or social origin, association with a national minority, property, with or other status*";

Barra minn dan jingħad ukoll, fir-rikors promotur, illi:

".... l-esklużjoni tiegħu mis-sahra hija riżultat dirett tal-fatt li ħareġ mill-GWU li hija statutorjament magħġuna mal-Malta Labour Party ma liema partit l-esponent ma jaqbilx";

Id-diskriminazzjoni kontra r-rikorrent tirriżulta proprju għaliex

ġew sodisfatti ż-żewġ elementi li jsemmi l-appellant fil-paragrafu 28 tar-rikors u dan għaliex il-liberta` fundamentali tar-rikorrent li ma jassoċċjax ruħu ma' oħrajn garantit mill-artikolu 11, kif intqal fil-paragrafi preċedenti - 14 sa 21 - ma ġietx rispettata u ġiet vjolata, meta, kif huwa ammess mill-korporazzjoni, wara li r-rikorrent għażel li ma jkomplix bis-sħubija tiegħu fil-General Workers Union, huwa ġie mċaħħad mill-appellanti minn xogħol ta' sahra, u b'hekk huwa bagħta dannu minħabba dik il-vjolazzjoni;

Id-diskriminazzjoni minħabba *political or other opinion*, hija ċara proprju għaliex ma jistax jiġi dubitat illi, almenu, ir-rikorrenti, sofra dak li sofra għaliex wera li għandu *opinjoni* differenti minn dik ta' sħabu. Kif, del resto, qed tgħid l-istess appellata biex tiġġustifika dak li għamlet;

Ir-rikorrent illamenta wkoll illi dak li ġralu huwa effett tal-vjolazzjoni tal-liberta` ta' espressjoni garantita bl-artikoli 41 tal-Kostituzzjoni u 10 tal-Konvenzjoni. L-appellata jidhrilha li din il-vjolazzjoni - jekk hemm:

*hija assorbita fil-lanjanza dwar il-ksur ta' l-artikolu 11 tal-*Konvenzjoni Ewropeja" - (ara Young *et*, para 57, u Sigurjonsson para. 37);

Il-Qorti tosserva illi s-sottomissjonijiet ta' l-appellata fl-ewwel lok trid tiġi preċiżata;

Fil-paragrafu 57 tas-sentenza Young, James and Webster, jingħad hekk:

*"The protection of personal opinion afforded by articles 9 and*

*10 in the shape of freedom of thought, conscience and religion and of freedom of expression is also one of the purposes of freedom of association as guaranteed by article 11. Accordingly, it strikes at the very substance of this article to exert pressure, of the kind applied to the applicants, in order to compel someone to join an association contrary to his convictions";*

u huwa f'dan is-sens li jista' jingħad li l-artikolu 11, jassorbi wkoll il-vjolazzjoni ta' l-artikolu 10, skond l-imsemmija sentenza;

Dan pero' ma jfissirx illi ma kienx hemm vjolazzjoni ta' l-artikolu 10. Dan tgħidu, bl-aktar mod ċar is-sentenza l-oħra **Sigurjonsson *vs* Iceland**, fejn, fil-paragrafu 37, jingħad:

*"Therefore, the Court is of the view that article 11 can, in the circumstance, be considered in the light of articles 9 and 10, the protection of personal opinion being also one of the purposes of the freedom of association guaranteed by article 11 (Young, James and Webster).*

*The pressure exerted on the applicant in order to compel him to remain a member of Frami contrary to his wishes was a further aspect going to the very essence of an article 11 right, there was an interference too in this respect. The Government's argument that Frami was a non-political association is not relevant in this regard*";

Is-sentenza appellata irriservat:

"li tillikwida l-kumpens dovut għal telf effettiv fi stadju ulterjuri";

u sussegwentement qalet li billi r-rikorrent:

"sejjer jiġi akkordat danni materjali mhux il-każ li jiġi akkordat ebda kumpens";

L-appellata, minħabba f'din il-konklużjoni qed tissottometti li din hija aċċetta minnha - jekk l-appell tagħha fuq ir-responsabbilta' jiġi miċħud;

Ir-rikorrent fir-risposta tiegħu għall-appell tal-korporazzjoni qal biss illi:

"…. f'diversi sentenzi l-Qorti Kostituzzjonali qalet li hemm dritt anke għal danni morali, (u għalhekk) aktar u aktar għandha dritt ukoll li tagħti danni materjali";

Pero' ma tagħmel ebda aċċenn għal dak li effettivament ġie deċiż fuq dan il-kap, li jirrigwarda l-likwidazzjoni futura li l-istess Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, irriservat li tagħmel fi stadju ulterjuri tal-kawża;

Din il-Qorti m'hijiex f'posizzjoni li tesprimi opinjoni fuq dak li fehmet l-ewwel Qorti li għandha tirriserva li tirregola fi stadju ulterjuri tal-kawża rigward ir-rimedji għall-vjolazzjonijet minnha konstatati u trid bilfors tħalli din il-materja impreġudikata;

Għalhekk l-appell tal-korporazzjoni intimata huwa miċħud u s-sentenza tal-5 ta' Ottubru, 1994 hija konfermata - bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi, għall-korporazzjoni intimata - artikolu 223 Kap.12;

L-atti huma rimessi lill-ewwel Qorti, għall-kontinwazzjoni u eventwali deċiżjoni fil-kawża.